32002R0993

11.6.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 151/11

# IR-REGOLAMENT (KE) Nru 994/2002 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-6 ta' Ġunju 2002

## li jikkorreġi r-Regolament BĊE/2001/13 dwar il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji [1]

## *(BĊE/2002/4)*

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew [3], emendat bir-Regolament (KE) Nru 134/2002 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament BĊE/2001/13 kien maħsub biex jissostitwixxi r-Regolament BĊE/1998/16 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji [5] kif emendat bir-Regolament BĊE/2000/8 [6] mill-1 ta' Jannar 2003. Ir-rapportar taħt ir-reġim ġdid jibda' bid-*data* għal Jannar 2003. Għalhekk l-obbligi dwar ir-rappurtar taħt ir-Regolament BĊE/1998/16 imisshom komplew jeżistu sa l-1 ta' Jannar 2003. Iżda d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament BĊE/2001/13 kienet ġiet stabbilita bi żball bħala l-1 ta' Jannar 2002, bir-riżultat li r-Regolament BĊE/1998/16, li taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament BĊE/2001/13 hu revokat malli jibda' jseħħ ir-Regolament l-aħħar imsemmi, ġie revokat sena qabel ma kien imissu jiġi revokat. Għalhekk hemm bżonn li r-Regolament BĊE/2001/13 jiġi korrett biex jagħmilha ċara li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

(2) Aġenti li jirrapurtaw ilhom suġġetti għall-ħtiġiet ta' rappurtar stabbiliti fir-Regolament BĊE/1998/16 mill-1 ta' Jannar 1999. L-applikazzjoni kontinwata tar-Regolament l-aħħar imsemmi sal-31 Diċembru 2002, b'mod partikolari, l-obbligu li għandhom josservawh mill-1 ta' Jannar 2002, jiġifieri qabel id-data li r-Regolament preżenti jinda' jseħħ, tiqies li ma tmurx kontra l-aspettativi leġittimi ta' l-aġenti li jirrappurtaw, li komplew jirrapurtaw l-informazzjoni statistika rilevanti wara t-tmiem ta' l-2001,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament BĊE/2001/13 hu kkorreġut kif ġej:

– L-Artikolu 8(1) hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-Regolament (KE) Nru 2819/98 (BĊE/1998/16) għandu jiġi revokat fl-1 ta' Jannar 2003."

– L-Artikolu 9 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Article 9*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003."

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmul fi Frankfurt am Main, fis-6 ta' Ġunju 2002.

*F'isem il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

*Il-President*

Willem F. DUISENBERG

---

(1) Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1).

(2) ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.

(3) ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 1.

(4) ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 1.

(5) Regolament (KE) No 2819/98 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 356, tat-30.12.1998, p. 1).

(6) Regolament (KE) Nru 1921/2000 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 229, tad-9.9.2000, p. 34).